

# Benigno Zerafa (1726-1804) Kompożitur Malti ta' ħila

Dr Joseph F. Grima

Malta hi gżira ċkejkna iżda, minkejja ċ-ċokon tagħha, ipproduċiet bosta nies li għamlu isem fil-ħajja artistika u kulturali, inkluż il-qasam mużikali. Illum, grazzi għal diversi riċerkaturi – b'mod partikolari għat-tliet volumi li ppubblika l-istudjuż u kantant liriku Joseph Vella Bondin flimkien ma' żewġ xogħlijiet oħra tal-kantant korista u riċerkatur Godwin G. Miceli – għandna f'idejna l-istorja ta' kif żvolġiet l-istorja tal-mużika f'pajjiżna inkluż bosta tagħrif riċerkat dwar kompożituri li għexu fi snin imbiegħda. Ma nistgħux inħallu barra l-ħidma fejjieda ta' Mons Dun Ġwann Azzopardi bis-sejbien tal-arkivju mużikali tal-katidral tal-Imdina fl-1969 filwaqt li nżidu wkoll l-eżekuzzjoni ta' kunċerti ta' mużika ta' kompożituri Maltin tas-sekli sbatax u tmintax f'dawn l-aħħar tletin sena. Inħoss li f'din il-pubblikazzjoni annwali ta' soċjetà mużikali, għandi nfakkar u nagħti l-ġieħ mistħoqq lil kompożitur u mużiċista kbir Malti tas-seklu tmintax: Benigno Zerafa.

**Min Kien**

Zerafa twieled ir-Rabat (Malta) fil-25 ta' Awwissu 1726 ġo familja ta' tmien ulied. Meta kellu disa' snin, sar kjeriku korista fil-katidral tal-Imdina fejn, sentejn wara, laħaq tifel sopran. Il-*maestro di cappella* kien Dun Pietro Gristi (1696 -1738) - *maestro di cappella* mill-1717 sal-1738 meta miet fl-età żgħira ta' 41 sena – li għas-sentejn li jmiss, ħarreġ lil Zerafa fil-*canto figurato*. It-talenti mużikali ta' Benigno wrew ruħhom mal-ewwel, tant li fl-1738, qabel ma laħaq għalaq tlettax-il sena, Zerafa ntbagħat Napli (fl-Italja) biex jistudja l-mużika fil-*Conservatorio dei Poveri di Gesù Cristo*. Dan seta' jagħmlu biss għax ingħata għajnuna finanzjarja mill-kapitlu tal-katidral. F'Napli dam sitt snin jistudja – fost l-għalliema tiegħu kien hemm ukoll il-Malti Gerolamo Abos, kompożitur u għalliem tal-mużika li baqa' jgħix fl-Italja wara li temm l-istudji tiegħu – u kkwalifika bħala *maestro di cappella* fl-1744. Gristi kien miet fl-1738 iżda l-post tiegħu baqa' battal sakemm Zerafa ġie lura Malta fl-1744 meta ngħata l-ħatra ta' *maestro di cappella* fl-età tenera ta' tmintax-il sena neqsin tliet ijiem. Kien (u baqa') l-iżgħar *maestro di cappella* li qatt kellu l-katidral fl-istorja tiegħu. Kompla jistudja għas-saċerdozju u ġie ordnat qassis fl-1750.



*Partitura mill-kompożizzjoni intitolata Salve Regina (1764) ta' Benigno Zerafa li tinsab fl-Arkivju Mużikali tal-Mużew tal-Katidral, l-Imdina*

Zerafa jidher li kellu karattu pjuttost diffiċli u fl-1751 tkeċċa mill-post tiegħu ta' *maestro di cappella*. Għalkemm l-isqof u l-kapitlu tħabtu biex isibu sostitut – saħansitra offrew salarju annwali ferm akbar milli kellu Zerafa – ma sabu lil ħadd tajjeb biżżejjed biex jeħodlu postu u allura lil Dun Benigno reġgħu tawh lura l-post li kellu wara li kien ilu nieqes sena u nofs. L-organista tal-katidral kien neputih, Vincenzo Zerafa, li miet qasir il-għomor waqt l-istudji tiegħu f'Napli u din il-mewt jidher li ħalliet effetti pjuttost negattivi fuq saħħet Dun Benigno. Fl-1774, inħatar bħala organista l-kompożitur ċelebri Malti Francesco Azopardi li ngħata wkoll xi dmirijiet li s-soltu kien jaqdihom Zerafa. Jista' jkun li dan sar għax saħħet Zerafa kienet marret lura wara l-mewt ta' neputih minkejja li ma kienx għadu xjaħ; forsi dan il-fattur, magħġun mal-karattru diffiċli tiegħu, webbel lill-kapitlu biex jipprova jwarrbu.

Fis-7 ta' Jannar 1787, il-kapitlu aċċetta ittra ta' riżenja ta' Zerafa li rtira fl-Istitut ta' Saura, fir-Rabat

stess, bil-pensjoni li nħariġlu. Miet hemm fl-20 ta' Marzu 1804 u ndifen fil-katidral tal-Imdina.

**Kompożizzjonijiet**

Kollox ma' kollox, Zerafa kien prolifiku mhux ħażin u mill-pinna tiegħu ħarġu xogħlijiet għall-bżonnijiet kollha tal-katidral: quddies, salmi, motetti, antifoni, litaniji, innijiet u sekwenzi ta' kull tip. Kien kompożitur professjonali li kiteb il-mużika sagra għall-bżonnijiet li kien hemm u skont il-ħtieġa mingħajr ma fittex l-esperimentazzjoni. Zerafa jitqies bħala kompożitur oriġinali, sensittiv, u tekniku tajjeb ħafna li kien kapaċi ferm iħaddem dak li kien tgħallem fil-*conservatorio* Naplitan, cioè l-mużika barokka. Fl-arkivju mużikali tal-mużew tal-katidral fl-Imdina hemm madwar 160 biċċa xogħol tiegħu, kollha kompożizzjonijiet sagri. Jidher li ftit li xejn hemm xogħlijiet tiegħu mitlufin.


*Francesco Feo, wieħed mill-għalliema tal-mużika ta' Benigno Zerafa f'Napli*

Fl-1743, meta kien għadu Napli, Zerafa kkompona s-salm *Dixit Dominus* u quddiesa li t-tnejn ġew ċertifikati minn Gerolamo Abos bħala xogħlijiet tiegħu waħdu (niftakru li kitibhom meta kellu biss sittax u sbatax-il sena rispettivament). Tul is-snin, Zerafa għamel użu mit-tliet metodi ekklesjastiċi li kienu disponibbli dak iż-żmien: l-*istile antico*, l-*istile moderno* u l-*istile breve*. Tal-ewwel użah biex jilħaq grandjożità li timpressjona u nsibuh f'parti tad-*Dixit Dominus* li kkompona fl-1756 u fit-*Te Deum Laudamus* tal-1746. It-tieni wieħed użah għall-ispartiti ta' vuċijiet solisti bħalma kienu *Rorate Coeli Desuper*, motett tal-Milied li nkiteb fl-1757, fil-*Felise Carina* tal-1758, u s-salm *Nisi Dominus* tal-1764. L-aħħar stil kien wieħed sempliċi u kien użat meta ma kienx hemm bżonn ta' bosta solennità. Waħda mill-isbaħ komposizzjonijiet ta' Zerafa nkitbet f'dan l-istil: *Salve Regina* (1764) għal żewġ soprani u *basso continuo* (baxx).

**Tifsiriet ta' xi kliem tekniku**
(minn glossarju ta' Joe Vella Bondin)

Antifona: silta sagra qasira, x'aktarx mill-Bibbja, kantata waqt funzjonijiet liturġiċi.

Baxx: il-vuċi maskili li tagħmel l-aktar noti baxxi u ġeneralment tkun l-aktar vuċi ħoxna.

Kompożizzjoni: xogħol mużikali.

Maestro di Cappella: is-surmast li jidderieġi l-mużika fil-knejjes u jikkomponi bċejjeċ ta' mużika adatti biex jindaqqu waqt funzjonijiet reliġjużi.

Motett: kompożizzjoni korali qasir mingħajr akkumpanjament strumentali.

Sekwenza: innu li postu jkun fil-quddiesa wara l-Gradwal jew l-Alleluja qabel il-Vanġelu.

Sopran: il-vuċi femminili li tagħmel l-aktar noti għoljin u li hi l-aktar waħda popolari mal-kompożituri.

Spartit: partitura, jew ktieb li fih ikun hemm il-mużika u l-indikazzjoni tal-parti li għandu jagħmel kull strumentalist u/jew kantant.

*Stile Antico*: it-terminu wżat biex jiddeskrivi l-mużika sagra miktuba wara l-1600 fi stil antik li jimita lil Palestrina.

*Stile Breve*: it-terminu wżat biex jiddeskrivi l-mużika sagra miktub fi stil sempliċi u wżat kuljum mingħajr solennità kbira.

*Stile Moderno*: it-terminu wżat biex jiddeskrivi mużika sagra miktuba wara l-1600 fejn l-istil ikun aktar aġġornat minn dak tal-*istile antico* u fejn il-kliem imexxi l-mużika.


*Orgni Naplitan li nxtara fl-1773 għall-Katidral tal-Imdina fuq il-parir ta' Benigno Zerafa*